Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TMIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| POST | SALA TAL-KUNSILL | | | |
|---|---|---|---|---|
| DATA | 22 ta' Awwissu 2012 | | | |
| HIN | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO (Skuzat) |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Stefan Cordina introduca lis-Sinjorina Luisa Lomowski minn Ncodx. Din il-kumpanija tispecjalizza IOS technology li hija lingwa biex tenkowdja fuq apple platforms. Hi resqet proposta lill-Kunsill Lokali Ħ'Attard li ghal biss €83 il-Kunsill ikollu application bl-isem 'My Attard' li tidher fuq l-iPhones kollha b'minimu ta' sena servizz. Is-Sur John P Bonnici staqsa jekk din tistax issir ghal tlett xhur biss bi prova. Hi irrispondiet li minimu trid tkun ghal sena u lis-Sur Cassar irrispondietu wkoll li din iPhones biss jistghu jaccedu ghaliha. Is-Sur Stefan Cordina spjega li din tkun speci ta' mappa b'dettalji tal-hwienet kollha, is-Sur Alfred Zammit zied ukoll tobba u fotografi fejn jista' jintalab mizata minima ta' bejn €12 u €15 fix-xahar u wiehed jara jekk din hiex sostenibbli. Ghandha tintbaghat ittra lil ħwienet kollha.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Il-minuti ġew approvati bla korrezzjonijiet. Is-Sur Alfred Zammit pero' talab li mal-paragrafu tieghu tal-punti mqajjma jizdied li l-ingagg tas-Sinjura Julie Cachia ma sarx kif suppost u skond il-ligi. Hu qal li dan irribattih tlett darbiet. Din il-frasi ghandha tizdied mal-paragrafu u wara jigu ffirmati l-minuti.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand il-Partit Laburista rigward Independence Day Fun Run and Ride li ghaliha il-partit qed jitlob No Objection. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li din ha ssir fil-21 ta' Settembru u li fit-23 ta' Settembru, jumejn biss wara hemm it-10K u Fun Run tal-Kunsill. Hi qalet li minn naha taghha, in-No Objection lesta. Kemm tigi approvata. Din giet approvata.

🗁 E-mail minghand Borg Rebecca fuq esperjenza ta' xoghol 2012-2013 Kullegg San Nikola. Il-Kunsill gie mitlub jghid billi jaghti esperjenza ta' xoghol lil grupp ta' zghazagh f'wahda mill-gimghat proposti. Gie deciz li dawn jigu ghal Novembru u ma jkunux aktar minn zewg studenti minhabba r-restrizzjoni tal-ispazju.

🗁 Ittra minghand l-Ambaxxata tat-Tunesija rigward proposta ta' safar ghas-Sur Stefan Cordina li giet posposta minn Settembru ghal Ottubru.

3. **APPROVAZZJONI TA’ PAGAMENTI MEJJU, GUNJU U LULJU**

Il-pagamenti gew approvati wara li saru xi mistoqsijiet bhal per ezempju l-ikla li saret wara l-Milied ghall-anzjani u nisa romol li l-ispiza telghet ghal-€627. Is-Sur Bonnici staqsa dawn minn min kienu qed jigu decizi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li sal-ahhar tas-sena hi kienet ghadha qed timxi fuq l-istruzzjonijiet moghtija lilha mis-Sindku ta’ qabel fejn attivitajiet konnessi mal-anzjani kienu jigu approvati ghax mehuda bhala rutina. Hu qal li mhux sewwa li huma ma kienux qed jigu nfurmati. Is-Sur Stefan Cordina qal li kulhadd kien jaf is-sistema kif kienet u li s-Sinjura Mifsud ma ttihiex tort ghal mod kif kienet qed tahdem u qed tigi stmata. Hi rrispondiet li issa ghandha struzzjonijiet mod iehor u ghaldaqstant hekk qed timxi u taghmel u dan ifisser li hi qed tinforma u tiehu l-parir tal-Kunsill fuq dan il-generu ta’ affarijiet. Is-Sur Raymond Azzopardi staqsa jekk il-catering, appuntu dan li ssemma qabel, huwiex b’direct order. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li ghal kull attivita tintalab kwotazzjoni.

4. **FOLLOW UP LAQGHA MEUSAC**

Dan l-item gie pospost.

5. **LAQGHA MAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

Is-Sur Stefan Cordina qal li kellu laqgha kordjali hafna mas-Supretendent tal-Pulizija Ray Zammit kif ukoll il-Kummissarju fuq il-kwistjoni tal-istorbju eccessiv. Il-Kunsill gibed l-attenzjoni fuq l-ilment li jidhlu kull nhar ta’ Tnejn filghodu wara xi weekend ta’ daqq. Is-Sur Alfred Zammit staqsa x’passi ser jittiehdu. Is-Sur Stefan Cordina qal li il-Pulizija ha jippruvaw jimxu id f’id maghna sabiex kemm jista’ jkun jitnaqqsu l-ilmenti.

6. **GNIEN HAL WARDA**

Is-Sur Cordina ta rendikont li issa li gie nstallat il-Gym Equipment fadal biss l-arbli tad-dawl, il-hgiega, is-sistema ta’ irrigazzjoni u l-bins u ha jkompli jinsisti li dawn isiru kemm jista’ jkun malajr.

7. **UFFICCINI TAL-KUNSILL**

Fuq l-ufficini hemm diversi opzjonijiet. Is-Sur Cordina qal li ssuggerixxa li l-Kunsill jixtri il-premises li ghandhom il-Futbol Klabb fi Gnien Hal Warda u li pero, din il-proposta ma gietx milqugha mill-Kumitat tal-Klabb. Qal ukoll li ghandu informazzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet ghandhom f’idejhom dar li ilha vojta zmien twil u ha jipprova jara il-lokazzjoni taghha ezatt u jindaga iktar fuqha. Is-Sur Ralph Cassar staqsa li il-Gvern ghandu jaghtina ghajnuna mhux jaghtuha biss lill-partiggjani taghhom. Is-Sur Cordina qal li l-ghajnuna tal-Gvern tigi minn kwalunkwe angolu. Is-Sur Gerry Borg qal li diga intbaghtet proposta u talba ghal informazzjoni rigward dar fi Triq Sant’Antnin lill-Ministru Jason Azzopardi. Hu ppropona li ssir laqgha mieghu. Is-Sur Cassar qal li Triq Sant’Antnin hi naqra boghod mic-Centru u hemm anka nuqqas ta’ parkegg. Is-Sur Cordina qal li l-proposta ghandhom ikunu serji filwaqt illi s-Sinjura Mifsud qalet li meta d-decizjonijiet ikunu konkreti, dawn jiddahhlu fil-Business Plan li appuntu s’issa ghadu gie diskuss biss fuq fuq u li ghalih qed titlob punt fuq l-agenda li jmiss sabiex issir diskussjoni serja. Dan il-punt ghandu jitnizzel fuq l-Agenda.

8. **BARRIERA WIED INCITA**

Is- Sur Cordina qal li l-kawza tal-Barriera Wied Incita ha tiswa lill-Kunsill madwar €2,500 u li dawn jigu rifuzi biss jekk tintrebah il-barriera. Ghalhekk is-Sur Cordina staqsa lill-Kunsill jekk dawn jaqblux li ghandha tinfetah il-kawza. Kulhadd prezenti qabel.

**9. PUNTI MQAJJMA**:

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Rega tenna li joggezzjona fuq l-impieg tas-Sinjura Julie Cachia u li ghalih din ghandha tahdem is-Sibt biss. Hu qal li jekk per ezempju tara l-iskeda ta' Gunju, din ghandha fuq €1000 paga. Is-Sinjura Mifsud irrispondiet li dak ix-xahar is-Sinjura Cachia hadmitu kollu minhabba li s-Sinjorina Cassola kienet marida sew bil-gidri r-rih. Is-Sur Ralph Cassar qal li issa ddecidejna li nzommuha u li hu kontra li din titkecca ghax haddiehor ghaffeg. Id-decizjoni saret. Is-Sur Bonnici qal li dan kien zball imma issa m'hemm xejn x'taghmel u staqsa lis-Sur Zammit x'jahseb li ghandu jsir allura. Is-Sur Zammit irribatta li jrid li tithaddem is-Sibt biss. Imma s-Sur Cassar qal li dik id-decizjoni nbidlet u s-Sinjura Cachia bdiet tissostitwixxi lis-Sinjorini Katya Cassola u Yanica Calleja u li issa hemm decizjoni li din tahdem 20 siegha fil-gimgha sabiex appuntu l-Kunsill jiffranka l-flus u jiehu iktar xoghol. Is-Sur Bonnici qal li ma nistghux inregghu l-arlogg lura filwaqt lis-Sur Borg tenna li x-xoghol miexi u ghaddejjin.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Ippropona li tigi ngaggata persuna b'dizabbilita mill-ETC. Din il-proposta giet accettata. Is-Sur Gerry Borg qal li l-ETC ghandha 250 persuna disposti ghall-ingagg temporanju u li kull min beda jirregistra jrid jidhol taht din l-iskema.
- Ressaq proposta ta' skola tal-gym u li dawn xtaqu jarmaw tinda u li disposti ihallsu ghal-kirja tal-post. Is-Sur Bonnici qal li anki hu jaf b'din il-proposta imma s-Sur Cordina tenna li l-problema hi l-allokazzjoni tal-post u l-ispazju li dawn jixtiequ. Id-diskussjoni tkompli iktar 'l quddiem.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Gnien il-Palma qed ikun hemm hafna grieden hdejn il-Bring-in sites. Greenpak ha tintalab tnaddaf. Irrimarka wkoll li l-bankijiet fihom hafna hmieg tal-ghasafar. Il-haddiema tal-Kunsill ha jippruvaw inaddfu.
- Talab li jigu mmarkati il-Parking Bays fi Triq il-Mosta ghal iktar ordni.
- Fit-Triq Haz-Zebbug hemm Bus Stop tal-Arriva bl-isem ta' is-Sewda mghottija bil-weraq tas-sigar. Din biex tigi ttrimmjata

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Ilmenta fuq il-Bus Shelter ta' Triq iz-Zaghfran fejn tad-Diesel li hu twil hafna u mhemmx post biex in-nies jipparkjaw. Dan l-ilment qieghed f'idejn il-Land Transport Directorate. Is-Sur Gerry Borg irrimarka li hemm bzonn li jsir bin hdejn il-pastizzeria. Dan ghandu jsir.
- Staqsa ghal €75,000 x'gara minnhom. Is-Segretarju irrispondiet li t-tender taghlaq fil-31 ta' Awwissu imam li s'issa hadd ma gabarha.
- Staqsa fuq it-tender ta' Xatbet l-Art. Is-Sur Cordina qal li reggghet harget it-tender.
- Staqsa fuq il-containers ta' Triq il-Pitkali. Sar rapport lill-Pulizija.
- Gibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex id-diary tal-Kunsill ma jsirx b'hafna kuluri u jsir per ezempju blu biss.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li WasteServ harget kompetizzjoni bi premju fejn qed jingabru flixken tal-plastik, u ma' kull ghaxar fliexken jinghata biljett tal-Lotterija.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Staqsa meta ha tibda iz-Zumba u li xtaq ikun infurmat fuq meta ser issir l-ewwel lezzjoni.
- Li saritlu offerta ghal-hosting tal-kor 'Isle of Man' , liema kor idoqq muzika sagra gha-sena 2013. Kull ma jrid ihallas il-Kunsill huwa it-trasport mill-lukanda u bibita zghira. Hu qal li forsi din tista' ssir fil-knisja minhabba li l-generu tad-daqq huwa sagru. Is-Sur Cassar qal li hi xi haga sabiha li attivita bhal din issir mill-Kunsill.
- Gibed l-attenzjoni li z-zebra signs tal-M4 mhux jixghelu. Biex iduruhom.
- Irringrazzja lill-Greenpak li fil-festa qdewna tajjeb u l-bins intuzaw mhux hazin filwaqt li qal li l-esebizzjoni marret mhux hazin ukoll. Irrimarka li is-sistema ta' gbir ta' skart hija tajba u ppropona li l-iskeda bid-dati tmur fuq il-website bhala addendum ma' dawn il-minuti. Is-Sur Stefan Cordina qal li ghad hemm xi problemi bil-gbir ta' skart nhar ta' Hamis minhabba li dan xorta qed jinhareg u li temporanjament Mario ha jibqa jigbor dan l-iskart sakemm jinhareg il-kalendarju il-gdid u jitqassam sew fid-djar kollha.
- Fakkar fuq is-sigar ta hdejn il-flats u li jistghu jinxtraw sigar ohra ghal hdejn l-M4 u jinzraw min-nies taghna stess.
- Bhala attivitajiet kulturali, bhalissa qed isiru kuncerti b'xejn mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali. Ghaldaqstant talab li l-Kunsill japplika kemm jista' jkun malajr minhabba li l-applikazzjonijiet kieku waslu biex jaghlqu.

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30pm għat-18 ta' Settembru fis-6pm.

________________________ Sindku

________________________ Data